**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (Il-Ġermanja) fil-15 ta' Diċembru 2010 — Bianca Kücük vs Land Nordrhein-Westfalen**

**(Kawża C-586/10)**

(2011/C 89/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bianca Kücük

*Konvenut:* Land Nordrhein-Westfalen

**Domandi preliminari**

(1) Il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP implementat bid-Direttiva tal-Kunsill 1999/70, tat-28 ta' Ġunju 1999 ([1]), tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik tal-punt 3 tat-tieni sentenza tal-Artikolu 14(1) tal-Liġi dwar ix-xogħol part-time u għal żmien determinat (Gesetz über Teilzeitarbeit und befristete Arbeitsverträge), li tipprovdi li t-tiġdid ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat huwa ġġustifikat għal raġuni oġġettiva meta ħaddiem jiġi sostitwit minn ħaddiem ieħor, li tiġi interpretata u applikata fis-sens li tali raġuni oġġettiva teżisti wkoll fil-każ ta' bżonn permanenti ta' sostituzzjoni, għalkemm il-bżonn ta' sostituzzjoni jista' wkoll jiġi kopert billi l-ħaddiem ikkonċernat jiġi impjegat għal żmien indeterminat sabiex jiġu żgurati sostituzzjonijiet li jirriżultaw minn indisponibbiltà regolari ta' membri tal-persunal, iżda min iħaddem jirriżerva l-possibbiltà li kull darba jadotta deċiżjonijiet ġodda dwar kif għandu jaġixxi fin-nuqqas immedjat ta' persunal?

Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda:

(2) Il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP implementat bid-Direttiva tal-Kunsill 1999/70, tat-28 ta' Ġunju 1999, tipprekludi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni, imsemmija fl-ewwel domanda, ta' dispożizzjoni nazzjonali, bħall-punt 3 tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 14(1) tal-Liġi dwar ix-xogħol part-time u għal żmien determinat (Gesetz über Teilzeitarbeit und befristete Arbeitsverträge), fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-ewwel domanda, meta l-leġiżlatur nazzjonali jipprovdi, f'dispożizzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 21(1) tal-Liġi dwar l-allowances u leave parentali (Bundeselterngeld- und Elternzeit-gesetz), li relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat hija ġġustifikata minn sostituzzjoni peress li għandha għan ta' politika soċjali intiż li jiffaċilita lill-persuni li jħaddmu li jagħtu leave speċjali u lill-ħaddiema li jibbenefikaw minn tali leave speċjali, b'mod partikolari għal raġunijiet relatati mal-ħarsien tal-maternità jew tat-trobbija tat-tfal?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fl-14 ta' Diċembru 2010 — Minister Finansów vs Kraft Foods Polska S.A.**

**(Kawża C-588/10)**

(2011/C 89/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Minister Finansów.

*Konvenuta:* Kraft Foods Polska SA.

**Domandi preliminari**

Kundizzjoni bħal dik stabbilita fl-Artikolu 29(4)(a) tal-ustawa z dnia 11 marca 2004 r. o podatku od towarów i usług (liġi tal-11 ta' Marzu 2004 dwar it-taxxa fuq il-beni u s-servizzi, Dz. U. Nru 54, entrata 535, kif emendata), li tissuġġetta d-dritt li tnaqqas l-ammont taxxabbli imniżżel fil-fattura, għaż-żamma mill-persuna taxxabbli, qabel l-iskadenza tat-terminu sabiex tiġi sottomessa dikjarazzjoni tat-taxxa relatata mal-perijodu taxxabbli li matulu x-xerrej tal-prodott jew tas-servizz irċieva l-fattura korretta, tad-dikjarazzjoni ta' riċevuta tal-imsemmija fattura korretta min-naħa tax-xerrej ta' dak il-prodott jew servizz mixtri, taqa' taħt il-kunċett ta' kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 90(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), li tipprovdi li fejn il-prezz jitnaqqas wara li t-tranżazzjoni tkun seħħet, l-ammont taxxabbli għandu għaldaqstant jitnaqqas skont kundizzjonijet li jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, u din il-kundizzjoni tikser il-prinċipju ta' newtralità tal-VAT kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Apelacyjny — Sąd Pracy i Ubezpieczeń Społecznych w Białymstoku (il-Polonja) fl-14 ta' Diċembru 2010 — Janina Wencel vs Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Białymstoku**

**(Kawża C-589/10)**

(2011/C 89/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Pracy i Ubezpieczeń Społecznych w Białymstoku

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Janina Wencel

*Konvenut:* Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział w Białymstoku

**Domandi preliminari**

(1) Il-prinċipju ta’ moviment liberu u ta’ residenza libera fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, stipulat fl-Artikoli 21 u 20(2) TFUE, iwassal għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta’ Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà socjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità ([1]), fis-sens li l-benefiċċji tax-xjuħija inkwistjoni, miksuba skont il-leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru ma jista’ jkollhom ebda modifika, sospensjoni, tneħħija jew konfiska lanqas minħabba l-fatt li l-benefiċjarju rresjeda fl-istess ħin (kellu żewġ postijiet ta’ residenza abitwali tal-istess importanza) fit-territorju ta’ żewġ Stati Membri, li wieħed minnhom huwa Stat differenti minn dak fejn l-istituzzjoni responsabbli għall-ħlas tinsab?

(2) L-Artikoli 21 u 20(2) TFUE u l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta’ Ġunju 1971, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li r-regoli nazzjonali previsti fl-Artikolu 114(1) tal-ustawa z dnia 17.12.1998 r. o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych (Liġi tas-17 ta’ Diċembru 1998 fuq il-pensjonijiet tal-fond tas-sigurtà soċjali — Dz. U. 2009, Nru 153, poz. 1227, kif emendata), flimkien mal-Artikolu 4 tal-konvenzjoni dwar l-assigurazzjoni soċjali fil-każ ta’ inċidenti tax-xogħol u l-benefiċċji tal-invalidità, tax-xjuħija u tal-mewt, konkluż fid-9 ta’ Ottubru 1975 bejn ir-Repubblika Popolari tal-Polonja u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Dz. U. 1976, n° 16, poz. 101, kif emendata), jiġu applikati b’mod li l-organizzazzjoni tal-irtirar Pollakka għandha teżamina mill-ġdid l-każ u ċċaħħad mid-dritt tagħha għal pensjoni ta’ rtirar persuna li, matul diversi snin, kellha fl-istess ħin żewġ postijiet ta’ residenza abitwali (żewġ ċentri tal-interessi) f’żewġ Stati li llum-il-ġurnata huma membri tal-Unjoni Ewropea u li, qabel l-2009, ma ppreżentat ebda dikjarazzjoni u lanqas talba li tindika li hija kellha l-intenzjoni li tittrasferixxi ċ-ċentru tal-interessi tagħha f’xi wieħed minn dawn il-pajjiżi?

Fil-każ ta’ risposta negattiva:

(3) L-Artikoli 20(2) u 21 TFUE, kif ukoll l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta’ Ġunju 1971, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li r-regola nazzjonali prevista fl-Artikolu 138(1) u (2) tal-ustawa z dnia 17.12.1998 r. o emeryturach i rentach z Funduszu Ubezpieczeń Społecznych tiġi applikata b’mod li l-organizzazzjoni tal-irtirar Pollakka għandha teżiġi r-rimbors ta’ pensjonijiet imħallsa matul l-aħħar tliet snin lil persuna li, mill-1975 sal-2009, kellha fl-istess ħin żewġ postijiet ta’ residenza abitwali (żewġ ċentri tal-interessi) f’żewġ pajjiżi li huma, fil-preżent, membri tal-Unjoni Europea, jekk, fl-eżami tat-talba għal pensjoni ta’ rtirar, u wara l-għoti tagħha, l-istituzzjoni tal-assigurazzjoni Pollakka ma avżatx li din il-persuna bin-neċessità li hija tinformaha biż-żamma ta’ żewġ postijiet ta’ residenza abitwali f’żewġ pajjiżi u n-neċessità li tippreżenta talba jew dikjarazzjoni fir-rigward tal-għażla tal-istituzzjoni tal-assigurazzjoni ta’ wieħed minn dawn il-pajjiżi bħala istituzzjoni kompetenti sabiex teżamina t-talbiet li jirrigwardaw il-pensjonijiet ta’ rtirar?

([1]) Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill, tal-14 ta’ Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà socjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (Chancery Division) fl-14 ta’ Diċembru 2010 — Littlewoods Retail Ltd et vs Her Majesty’s Commissioners of Revenue and Customs**

**(Kawża C-591/10)**

(2011/C 89/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Justice (Chancery Division)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Littlewoods Retail Ltd *et*

*Konvenuti:* Her Majesty’s Commissioners of Revenue and Customs

**Domandi preliminari**

(1) Meta persuna taxabbli tkun ħallset ammont żejjed ta’ VAT, li nġabar mill-Istat Membru bi ksur tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-VAT, ir-rimedju pprovdut minn dan l-Istat Membru huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni Ewropea jekk ir-rimedju inkwistjoni jikkonsisti (a) fil-ħlas lura tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, u (b) tal-interessi sempliċi fuq dawn l-ammonti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħat-Taqsima 78 tal-Value Added Tax Act 1994?

(2) Jekk le, id-dritt tal-Unjoni Ewropea jitlob li r-rimedju pprovdut mill-Istat Membru jipprovdi (a) il-ħlas lura tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, u (b) il-ħlas ta’ interessi komposti skont il-valur tal-użu tal-ammonti mħallsa żejda lill-Istat Membru u/jew tat-telf tal-valur tal-użu tal-ammont f’idejn il-persuna taxxabbli?

(3) Jekk ir-risposta kemm għall-ewwel domanda u għat-tieni domanda hija fin-negattiv, x’għandu jinkludi r-rimedju li d-dritt tal-Unjoni jitlob lill-Istat Membru jipprovdi, minbarra l-ħlas lura tal-ammonti prinċipali mħallsa żejda, fid-dawl tal-valur tal-użu tal-ammont imħallas żejjed u/jew tal-interessi?

(4) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija fin-negattiv, il-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni Ewropea tal-effettività jirrikjedi illi Stat Membru ma japplikax restrizzjonijiet tad-dritt nazzjonali (bħat-Taqsimiet 78 u 80 tal-Value Added Tax Act 1994) fil-konfront ta’ azzjonijiet jew ta’ rimedji li kieku kienu jkunu disponibbli, fin-nuqqas ta’ dawn ir-restrizzjonijiet, għall-persuna taxxabli sabiex issostni d-dritt ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni Ewropea stabbilit fir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-ewwel tliet domandi, jew huwa biżżejjed illi l-qorti nazzjonali ma tapplikax dawn ir-restrizzjonijiet fid-dawl biss ta’ waħda minn dawn l-azzjonijiet jew rimedji?